# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 814

KAZ NRU. 1047

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joe Dalli

u

Corinthia Caterers - Inflight Services

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 8 t'April, 1997

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

1. **INTRODUZZJONI**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju, 1996 Ref. ME/95/155/II biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

L-appellant, Joe Dalli, kien assistit mis-sur Gejtu Vella, Segretarju Taqsima Lukandi, Risoranti, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin sat-tielet seduta, meta l-appellant irrinunzja ghal din l-assistenza, u mir-raba' seduta kien assistit mill-avukat Noel Camilleri L.P.

Il-Corinthia Caterers - Inflight Services kienet rapprezentata mis-sur Michael Pace, Group Industrial Relations Manager assistit mill-avukat J.J. Vella LL.D.

2. **XHIEDA**

Tul is-smigh tal-kaz xehdu s-segwenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Michael Pace | - | Group Industrial Relations Manager |
| Is-Sur Ray Bonnici | - | Head Janitor |
| Is-Sur Ray Pisani | - | General Manager Catering |
| Is-Sur Patrick Busuttil | - | General Manager |
| Is-Sur John Said | - | Head Janitor |
| Is-Sur Jos. Tedesco | - | Duty Manager |
| Is-Sur Steve Foster | - | Duty Manager |
| Is-Sur Ant. Magro | - | Cleaner |
| Is-Sur Carm Avellino | - | Cleaner |
| Ms Jackie Abela | - | Clerk |
| Is-Sur Andrew Dalli | - | Hu l-appellant |
| Is-Sur Joe Dalli | - | L-appellant |

3. **DOKUMENTI**

i) Ittra datata 30 ta' Lulju, 1996 fuq il-firma tas-sur Michael Pace - Human Resources Manager dwar id-durata tal-employement u l-paga li spicca biha l-appellant.

ii) Kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija u l-Union (U.H.M.).

iii) Il-file personali tal-appellant.

4. **RIKORS**

Wara l-ahhar seduta fil-5 ta' Marzu, 1997 gie pprezentat Rikors tal-appellant biex it-Tribunal ma jiehux konjizzjoni tal-"*personal file*" ghar-raguni skond l-appellant li dan il-file kien gie pprezentat wara s-sottomissjonijiet finali.
It-Tribunal cahad it-talba tal-appellant fir-rikors ghar-raguni li fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 1996 kien gie ddikjarat li "l-Kumpanija ghandha ggib il-*Personal File* tas-sur Dalli".

Pero' l-appellant gie moghti zmien biex jezamina l-*Personal File* u jaghmel rapprezentazzjonijiet bil-miktub jekk ikun irid.

5. **STATEMENTS OF CASE**

L-appellant ikkontenda l-kaz tieghu ma kienx jimmerita tkeccija ghax in-nuqqas li wettaq ma kienx gravi u fi kwazi 20 sena servizz mal-Kumpanija qatt ma kien ikkommetta reat jew nuqqas iehor.

Huwa talab lit-Tribunal (i) ihassar l-ordni tat-tkeccija mill-impjieg u (ii) jerga' jinghata l-impjieg lura minghajr telf ta' paga ghall-perjodu li dam barra mix-xoghol.

Il-Kumpanija sostniet li l-appellant naqas bhala *Leading Hand* jaghti ezempju lill-impjegati li kienu taht id-direzzjoni tieghu u ghall-kuntrarju meta ma nghatax permess li ma jistax jitlaq kmieni mix-xoghol, xorta njora l-istruzzjonijiet moghtija lilu.

Hu gie allegat li nsolenta lis-superjur tieghu u pprovokah, kisser xi plattini u hedded lid-Duty Manager fuq it-telefon,

attitudni li fil-fehma tal-Kumpanija kienet gravissima u timmerita t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant.

6. **SOTTOMISSJONIJIET FINALI**

Fis-sottomissjonijiet finali l-Kumpanija stqarret li l-kaz kollu kien wiehed semplici bla kunsiderazzjonijiet legali, fejn l-appellant mhux biss naqas li joqghod ghar-regoli izda ta ezempju hazin lil dawk ta’ tahtu, ipprovoka lis-superjur tieghu fuq ix-xoghol, ghamel hsara lill-propjeta’ tal-Kumpanija u hedded lid-Duty Manager bit-telefon. Dawn ma kienux ikkontestati izda gew deskritti mill-appellant mhux serji daqs kemm qisithom il-Kumpanija.

Il-fatt li l-incident baqa’ ikarkar kien indikazzjoni kemm kien serju. Il-Kumpanija argumentat li n-nuqqas ta’ l-appellant irid ikun ikkunsidrat fil-kwadru li ma hemmx lok tal-attitudni li wera l-appellant fi grupp ta’ numru zghir ta’ mpjegati li jridu jahdmu flimkien u fejn mhux possibbli twarrab lill-appellant u tassenjalu xoghol iehor.

Jekk il-Kumpanija kellha tonqos mill-pass li hadet, sostniet il-Kumpanija, tkun qeghda tinkoragixxi repetizzjoni ta’ ndixxiplina u ghaldaqstant jidher li d-decizjoni tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant kienet wahda gusta. Finalment l-appellant gie moghti d-dritt li jghaddi mill-proceduri dixxiplinarji, nkluz appell, li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv, prova li l-appellant ma giex imkecci sommarjament.

L-appellant min naha tieghu argumenta li hu ma kienx persuna vjolenti u meta cempel lid-Duty Manager ma kienx bl-iskop li jheddu izda ghax kien dispjacut li tilef ix-xoghol wara kwazi 20 sena servizz lill-Kumpanija. Barra minhekk, qal l-appellant l-argument li kellu mal-*Janitor* Bonnici, kien wiehed li jqum

frekwenti bejn l-impjegati u zied jghid li ma kienx minnu li kisser jew ghamel hsara lill-propjeta' tal-Kumpanija. Tant l-incident ma kienx serju li Bonnici ma deherlux li kellu jirrapurtah dakinhar li sar.

L-appellant ikkontenda li ma kienx gust li wiehed mit-tlieta tal-Bord tad-Dixxiplina, cioe' il-Human Resources Manager, kien il-persuna li hargitlu c-*charge*, u ghalhekk deher bhala prosekutur u gudikant.

Ghar-rigward tal-hrug kmieni min fuq il-post tax-xoghol, l-appellant qal li dan kien ghar-raguni li kellu l-mara ma tiflahx u kien taht l-impressjoni li d-Duty Mananger kien approvalu l-hrug.

Fil-fehma tieghu, l-appellant ma deherlux li ghall-nuqqas mhux gravi daqs kemm iddeskrivitu l-Kumpanija kellu jigi mkecci, minghajr kunsiderazzjoni ghall-possibilta' ta' "demotion" jew sospensjoni. Rega' talab li jinghata l-"job" lura minghajr telf ta' paga ghaz-zmien li ghamel barra.

7. **IL-FATTI**

Joe Dalli kien impjegat bhala *Leading Hand Scullery* mal-Corinthia Caterers - Inflight Services b'paga ta' Lm66.13 fil-gimgha. Hu kien gie mpjegat fit-22 ta' Novembru, 1976 u mkecci fit-8 ta' Mejju, 1996 wara proceduri dixxiplinarji.

Fil-qosor, fis-27 ta' April, 1996 Dalli talab li johrog minn fuq ix-xoghol kmieni, talba li ma gietx milqugha izda hu xorta hareg minn fuq ix-xoghol.

L-ghada kellu xi jghid mal-*Head Janitor*, Ray Bonnici u kisser jew tajjar xi plattini.

Gie sospiz mix-xoghol fit-2 ta’ Mejju, 1996 sakemm tigi deciza n-nuqqas tieghu u fit-8 ta’ l-istess xahar l-impjieg tieghu gie terminat b’sehh mill-istess data.

Fit-13 ta’ l-istess xahar il-Union tieghu - U.H.M. - invokat il-procedura tad-dixxiplina fil-Ftehim Kollettiv taht Artiklu 19 u talbet appell, li sussegwentement rrizulta f’konferma tat-tkeccija. L-appell inzamm fl-20 ta’ Mejju, 1996. Fl-istess gurnata Dalli gie rraputat u allegat li cempel u hedded lil Joe Tedesco, Duty Manager li kien xehed fl-appell.

8. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant kienet fil-fehma tat-Tribunal ikkagunata minn serje ta’ nuqqasijiet li originaw mill-offiza li l-appellant telaq minn fuq ix-xoghol meta ma kienx awtorizzat li jaghmel dan.

It-Tribunal huwa sodisfatt li din l-offiza giet ampjament stabbilita’ mix-xhieda.

Sussegwentement fl-istess perjodu l-appellant wera nuqqas ta’ dixxiplina fil-konfront tas-supervisor tieghu (il-*janitor* Bonnici) u agixxa b’manjiera li ghamel hsara, ghalkemm zghira, lill-propjeta’ tal-Kumpanija meta ta daqqa ta’ ponn fuq il-mejda u tajjar u/jew kisser xi plattini.

It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt li aktar tard, allura wara li l-kaz tieghu kien gie appellat mill-Union cioe’ il-U.H.M. li taghha kien membru, l-appellant skorettement cempel lid-Duty Manager Tedesco u esprimilu diskors li seta’ kien u/jew gie interpretat li kien jammonta ghal theddid, wara li Tedesco kien xehed fl-appell. F’dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax jistabbilixxi b’certezza jekk il-kliem lill-Tedesco kienx thedded dirett, imma kien x’kien l-appellant ma kellu l-ebda

dritt li jezercita pressjoni psikologika fuq id-Duty manager Tedesco.

It-Tribunal jifhem li l-appellant seta' kien fi stat ecitat minhabba l-ezitu ta' l-appell li kien ikkonferma t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu pero' dan ma kienx jiggustifikah li jagixxi skorrettement versu superjur tieghu. Kif ma kienx iggustifikat li jaghmel mal-*Janitor* Bonnici aktar u aktar meta l-appellant kien Leading Hand u suppost, anzi kien fid-dmir li jezercita' ezempju tajjeb lil dawk ta' tahtu li kienu prezenti.

It-Tribunal ezamina b'certa reqqa d-difiza ta' l-appellant. F'dan ir-rigward l-argument ta' l-appellant li l-kompozizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li kien jinkludi l-Human Resources Manager tal-Kumpanija seta' kien kompost hazin ghax kien l-istess Human Resources Manager li hariglu c-"charge".

Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jregix ghar-raguni li l-Human Resources Manager ma kienx il-persuna li originat ir-rapport izda biss il-persuna li ghamlet ic-"charge", prattika ammissibbli fid-dinja tar-relazzjonijiet industrijali.

It-Tribunal josserva li ma kienx hemm oggezzjoni ghall-kompozizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina mill-Union li ddefendiet lill-appellant, li nghata kull opportunita' biex jiddefendi lilu nnifsu, nkluz il-facilita' tal-appell u li jtella' x-xhieda li ried.

L-argument l-iehor li l-incident li kien involut fih l-appellant gie mkabbar irragonevolment ma jindikax apprezzament serju tan-nuqqas kommess. F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva li l-bazi tal-kaz tal-Kumpanija huwa marbut mal-htiega ta' rispett lejn l-awtorita' u l-armonija bejn l-impjegati fuq il-post tax-xoghol.

Minn dak li sema’, t-Tribunal josserva li fil-kaz in ezami l-appellant wera tendenza ta’ ndixxiplina serja, stante l-pozizzjoni tieghu ta’ Leading Hand u ta’ dawk li kienu superjuri tieghu. Jista’ jkun li din kienet okkazjoni solitarja, pero’ xorta jibqa’ l-fatt li ma hijiex accettabbli u ma tistax tigi skuzata.

Jibqa’ biss ghalhekk il-kunsiderazzjoni jekk it-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellant kinitx wahda gusta jew le. It-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li l-appellant naqas serjament, izda fl-isfond ta’ l-istorja fil-*personal file* tieghu ma tohrog l-ebda nformazzjoni ta’ nuqqasijiet ta’ din ix-xorta, ghax kieku dan kien jirrizulta ma kien ihalli l-ebda alternattiva li tittiehed f’kunsiderazzjoni mit-Tribunal.

F’dan l-istadju t-Tribunal irid ifakkar li repetutament f’decizjonijiet precedenti minn diversi Tribunali, gie dikjarat li d-decizjoni tat-tkeccija mill-impjieg ghandha tkun l-ahhar pass dixxiplinarju. U dan jassumi aktar relevanza meta l-impjegat ikun ilu fl-impjieg ghall-perjodu twil; fil-kaz in ezami l-appellant kien ilu mpjegat mal-Kumpanija ghal kwazi ghoxrin (20) sena.

## 9. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal ezamina li *Statements of Case* tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, nkluza l-procedura dixxiplinarja preskritta fil-Ftehim Kollettiv, sema’ x-xhieda prodotti u evalwa s-sottomissjonijiet finali u t-trattazzjoni tal-kaz, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq isib li ghalkemm huwa minnu li l-appellant naqas serjament, id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg wara kwazi ghoxrin (20) sena servizz tammonta ghall-piena harxa.

F’dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddecciedi li jichad it-talba ta’ l-appellant li jerga’ jinghata l-impjieg li kellu izda ghandu jigi mhallas kumpens fis-somma ta’ Mitejn u Hamsin Liri Maltin (Lm250).

It-Tribunal jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas mill-Kumpanija Corinthia Caterers - Inflight Services lill-appellant Joe Dalli sa mhux aktar tard minn hmistax (15)-il jum mid-data ta’ din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta’ drittijiet li jithallsu, t-Tribunal qieghed jintaxxa l-hlas ta’ Erbghin (Lm40) Liri Maltin lid-difensuri ta’ kull wiehed mill-partijiet.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-----------------
Carmel Debono
CHAIRMAN

----------------
Edwin Spiteri
A/Segretarju

mrg